**14 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Connie Galea

versus

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

**L-att X tal-1987 – Deċiżjoni ta' l-Arbitru – Appell tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali minn dik id-deċiżjoni**

*Skond l-Att X ta' l-1987 l-appelli lil Qorti ta' l-Appell huma ċirkoskritti għal "punt ta' liġi" u din il-Qorti għandha tidħol biss, eċċezzjonalment, biex teżamina l-operat ta' l-Arbitru meta jitqies li dan, fuq punt ta' dritt, iġġudika ħażin kontra xi rikorrent jew benefiċċjarju.*

*Meta d-deċiżjoni tiegħu tkun favur dak ir-rikorrent jew dak il-benefiċċjarju dik id-deċiżjoni hija, fir-"ratio" ta' l-Att, id-deċiżjoni amministrattivament korretta, u tissostitwixxi d-deċiżjoni kuntrarja tad-Direttur.*

*Għalhekk ma jista' qatt id-direttur iħossu aggravat b'xi deċiżjoni ta' l-Arbitru.*

Il-Qorti: –

1. Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali iddeċida li mit-18 ta' April, 1992 jitwaqqaf l-ħlasijiet ta' għajnuna minħabba l-mard, lil Connie Galea;

2. L-istess Connie Galea appellat quddiem l-Arbitru li fil-5 ta' Mejju, 1993 irrevoka dik id-deċiżjoni tad-Direttur;

3. Dan issa huwa appell ta' l-istess Direttur kontra d-deċiżjoni msemmija ta' l-Arbitru;

4. Il-meritu tal-kwistjoni kollha mhuwiex qed jissemma għaliex din is-sentenza hija intiża biex tirrispondi l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellata Galea li d-Direttur appellant m'għandux id-dritt ta' appell kontra l-Arbitru;

5. Id-dritt ta' l-appell in kiwstjoni huwa konċess mill-artikolu 112 ta' l-Att X ta' l-1987, f'dawn it-termini:-

''Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, appell minn deċiżjoni ta' l-Arbitru fuq xi punt ta' liġi għandu jsir lill-qorti ta' l-Appell. Dan l-appell għandu jsir b'rikors fi żmien tletin jum mid-data li fiha d-deċiżjoni ta' l-Arbitru tkun ġiet innotifikata bil-miktub, bil-posta rreġistrata, lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju, skond il-każ''.

6. Huwa minnu li dan l-artiklu jidher li l-liġi ma tikkontemplax id-dritt ta' appell favur id-Direttur tas-Servizzi Soċjali għaliex id-direttiva tal- modalitajiet ta'l-appell hija lejn ir-rikorrenti jew il-benefiċjarju;

Ebda waħda minn dawn iż-żewġ termini ma tista' tinkuldi lid-Direttur. Manifestament id-Direttur ma jistax ikun wieħed minn dawk li jirċievu wieħed mill-benefiċċji li ssemmi l-liġi, per eżempju fl-artiklu 111 (4) (1) benefiċċju għall-korriment u benefiċċju għall-inkapaċità, waqt li ma jistax lanqas ikun ir-rikorrenti għaliex, kif din il-kelma hija użata 'l hawn u 'l hemm fl-Att in kwistjoni, teskludi tali estensjoni. Per eżempju l-artiklu 109 jgħid illi:-

"Kull talba għal benefiċċju, pensjoni allowance jew għajnuna għandha *titqies mid-Direttur li jistà:-*

(a) u (b) *omissis;*

Dan juri x'*tifhem din il-liġi meta* titkellem fuq "ir-rikorrent" u li taħt dan is-sostantiv ma tinkludix lid-Direttur. Barra minn hekk, 'l hawn u 'l hemm fl-Att, il-liġi takkoppja "ir-rikorrenti jew il-benefiċċjarju" b'mod li ma tiddistingwix bejniethom. Dan l-akkoppjament ta' sostantivi jirrikorri fl-artikoli 111 (7) (8) u 112;

It-terminu ffissat għal appell konċess minn dan l-artikolu 112 huwa ta' tletin ġurnata minn dakinhar l-fiha d-deċiżjoni ta' l-Arbitru "tkun innotifika bil-miktub bil-posta rreġistrata lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju" u għalhekk huwa ċar li dan it-terminu jirregola l-appell tar-rikorrent jew benefiċjarju li jirċievi n-notifika tad-deċiżjoni ta' l-Arbitru, permezz ta' ittra reġistrata. Mhuwiex possibbli li dan *kollu jiġi applikat għad-Direttur* mingħajr forzatura ta' l-attwalità organiżżattiva kemm ġuridika u kemm dipartimentali;

Finalment hemm dik li din il-Qorti tikkonsidra bħala konsiderazzjoni konklużjoni konklussiva ta' l-eċċezzjoni ssollevata;

L-artikolu 109 jiddisponi hekk:-

"Kull talba għal benefiċji, pensjoni, allowance jew għajnuna għandha titqies mid-Direttur, li jistà:-

(a) jilqa' t-talba, jew

(b) jiċħad it-talba; jew

(c) wara *li jinnotifika lir-rikorrent*, **jibgħat *it-talba* quddiem l-Arbitru** maħtur taħt l-artikolu 110 ta' dan l-Att;

*Omissis;*

Din il-fakoltà mogħtija lid-Direttur turi illi l-liġi tistabbilixxi illi l-Arbitru jistà jopera f'żewġ mumenti differenti ta' kwistjoni li tista' tinqala': jista', fuq it-talba tad-Direttur, jintalab biex **jiddeċiedi** kwalsiasi kwistjoni **qabel** ma jiddeċidi d-Direttur, kif ukoll **wara** tali deċiżjonji tad-Direttur;

Issa mhux konformi ma' din il-kwalità ta' posizzjoni ġudikanti li dik id-deċiżjoni ta' l-Arbitru **pprovokata**, anzi **mitluba** mid-Direttur, u *allura f'sitwazzjoni funzjonali* assistenzjali u direttiva, tkun imbagħad soġġetta għall-Appell quddiem dan il-Qorti mill-istess Direttur;

L-appelli lil din il-Qorti huma ċirkoskritti **għal** "punt ta' liġi" u l-provvediment ta' l-artikolu 109 juri biċ-ċar li, **għad-Direttur**, kwalunkwe punt ta' liġi li jista' jirrikorri fl-amministrazzjoni soċjali ġiornaliera ta' l-Att, għandu għall-prattiċità ta' l-istess amministrazzjoni ta' l-Att, jiġi fdat f'idejn l-Arbitru. Din *il-qorti ta' l-Appell għandha tidħol* biss, eċċezzjonalment, biex teżamina l-operat ta' l-Arbitru meta jitqies li dan, fuq punt ta' dritt, iġġudika ħażin **kontra** xi rikorrent jew benefiċjarju. Meta d-deċiżjoni tiegħu tkun favur dak ir-rikorrent jew dak il-benefiċjarju, dik id-deċiżjoni hija, fir-"*ratio*" ta' l-Att, d-deċiżjoni **amministrattivament korretta,** u tissotstitwixxi d-deċiżjoni kuntrarja tad-Direttur. L-Arbitru huwa – kif intqal – **intergrattiv**, **għal** funzjonament kif imiss,

ta' l-Att, mill-punto di vista **amministrattiv**. Huwa dan il-punt li joħroġ mil-liġi, li probabbilment hija bejn wieħed u ieħor bażata fuq leġislazzjoni barranija u li allura tirrifletti l-konċetti amministrattivi ta' dak il-pajjiż aktar milli l-konċetti ta' l-*Ordinament Ġuridiku Tagħna tat-tip, hekk imsejjaħ, "ċivilista"*;

7. **Il-punt fundamentali huwa li għad-Dipartiment, għad-Direttur, l-interpretazzjoni korretta ta' l-Att, it-tifsira tiegħu hija mogħtija lill-Arbitru**, u għalhekk ma **jista'** qatt id-Direttur iħossu aggravat b'xi deċiżjoni bħal dik għaliex anzi dik hija *għalih dak li tfisser il-liġi li huwa għandu* jamministra;

L-appell quddiem din il-Qorti huwa mogħti miċ-ċittadin meta dan iħoss ruħu aggravat mid-deċiżjoni ġuridika – amministrattiva;

Għalhekk l-appell huwa ddikjarat null u inattendibbli;

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet;